KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL
Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3418 Malta, Europe

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt, Web Site: www.stpaulsbay-online.com
Tel: 21585888, 21570869/70, Mobile: 99433058/9, Fax: 21583058

Minuti tal-Erbgħa u Erbgħin (44) Laqgħa, kontinwazzjoni tat-Tlieta u Erbgħin (43) Laqgħa, tas-Sitt (6) Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar li saret nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru, 2011 fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-istess Kunsill Lokali fil-5.30 ta' filgħaxija.

Il-Laqgħa bdiet fis-6.00 ta' filgħaxija wara li ngħatat nofs siegħa fuq il-ħin minħabba nuqqas ta' quorum.

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

| | Ħin Dħul | Ħin Ħruġ |
|---|---|---|
| Sindku Perit Graziella Galea | 5.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Viċi Sindku John Bray | Skużat | |
| Kunsillier Alfred Grima | Imsiefer | |
| Kunsillier Ray Tabone | 5.30 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Alexander Bezzina | Skużat | |
| Kunsillier Jason Camilleri | 5.55 p.m. | 8.30 p.m. |
| Kunsillier Frank Gauci | 5.55 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Peter Abela | 6.45 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Martin Zerafa | Skużat | |
| Kunsillier Ray Bartolo | 5.55 p.m. | 9.00 p.m. |
| Kunsillier Mario Camilleri | 5.30 p.m. | 9.00 p.m. |

Is-Sindku mexxiet il-Laqgħa tal-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

Is-Sindku informat li din hi kontinwazzjoni tal-Laqgħa 43 u tal-istess Agenda.

**5.00 Social Impact Assessment (SIA) for the Coast Road Environmnet Impact Assessment (EIA)**

Is-Sindku infurmat li qabel din il-Laqgħa kienet saret laqgħa mal-Perit Robert Zerafa minn TM, u mas-Sur Stephen Vella nkarigat mill-MEPA sabiex jagħmel *Social Impact Assessment* dwar xi tibdil infrastrutturali li kien ser isir fuq il-*Coast Road* tas-Salini. Għal din il-laqgħa kienu mistiedna l-Kunsilliera u l-membri tal-Kumitat Amministrattiv ta' Burmarrad.



Sindku / *Mayor*: Perit Graziella Galea BE & A (Hons) M.Sc (Road Eng), A.&C.E.
Segretarju Eżekuttiv / *Executive Secretary*: John J. Camilleri

Il-Kunsill approva li ssir *Open Day* fejn ir-residenti nteressati jkunu jistgħu jiltaqgħu mal-persuni nkarigati minn dan il-proġett. Dan wara li jsiru avviżi fil-quddies tal-Ħadd mill-kappillani tad-diversi parroċċi tal-lokal. L-*Open Day* għandha ssir parti f'San Pawl il-Baħar u parti f'Burmarrad.

**6.00 GF 00121/06 – Masterplan for the Magħtab Environmental Complex**

Il-Membri tal-Kunsill talbu u ngħataw kopja tas-sintesi ta' dan il-masterplan. Il-Kunsill għandu jitlob estensjoni mill-MEPA sa nhar it-Tnejn 24 ta' Ottubru 2011 sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jibgħatu xi kummenti li jkollhom dwar dan.

**7.00 Memos – Dipartiment għall-Gvern Lokali**

Memo 66/2011: Skema ta' Finanzjament għal Titjib fil-*Playing Fields* Eżistenti – Wara diversi nterventi, il-Kunsill iddeċieda li japplika għall-bandli f'Tal-Veċċ u f'Burmarrad.

Memo 87/2011: Skema ta' Finanzjament ta' Proġetti Speċjali 2011 – Is-Sindku Graziella Galea proponiet li l-Kunsill għandu japplika għall-istatwa ta' San Pawl. Il-Kunsill qabel.

Memo 89/2011: Attivitajiet fil-Lokalitajiet b'risq il-Malta Community Chest Fund – Il-Kunsill iddeċieda li ghandha ssir ġurnata waħda ġbir ta' fondi fil-Bus Terminus wara u jekk isiru arranġamenti mal-Guggen Band.

Memo 90/2011: Skema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet 2012 – Il-Kunsilliera ntalbu jibgħatu l-proposti tagħhom.

Memo 94/2011: Tabella fid-daħla ta' kull Playground tal-Kunsilli Lokali – Il-Kunsill qabel li jimxi ma dawn l-istruzzjonijiet.

**8.00 Dawl Dekorattiv u Attivitajiet Relatati mal-Festi tal-Milied**

Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ sejħa għall-offerti u sadanittant jinkera dawl dekorattiv għal din is-sena. Il-Kunsilliera Peter Abela u Ray Tabone flimkien mas-Sindku l-Perit Graziella Galea u l-Viċi Sindku John Bray ġew inkarigati jieħdu ħsieb it-tiżjin għal din is-sena.

**9.00 Aġġudikazzjoni ta' Sejħiet għall-Offerti**

9.01 <u>Tender for Upkeep and Maintenance of footpaths</u> – Il-Kunsill qabel li fuq il-parir tal-Bord tal-Kumitat tal-Aġudikazzjoni, l-Amministrazzjoni titlob lill-Kunsilli Lokali kollha jekk kienx hemm *Default Notices* fir-rigward tal-Kumpanija Dimbros Limited. Fl-istess ħin l-amministrazzjoni għandha titlob ukoll lid-Dipartiment tal-Kunsilli jekk il-*Performance Bond* tas-Sur Adam Bugeja, tistax titqies bħala Bid Bond għall-applikazzjoni ġdida tiegħu.

9.02 <u>Tender for Street Sweeping and Emptying of Litter Bins</u> – Il-Kunsill qabel li fuq il-parir tal-Bord tal-Kumitat tal-Aġudikazzjoni tiġi approvata l-irħas offerta, dik tas-Sur Frank Mifsud għall-valur ta' € 80,430.00 fis-sena.

9.03 Tender for Provision of Suitable Transport For Elderly Persons To and From Day Centre - Il-Kunsill qabel li fuq il-parir tal-Bord tal-Kumitat tal-Aġudikazzjoni tiġi approvata l-irħas offerta, dik tas-Sur David Frendo għall-valur ta' € 14.00 għal kull vjaġġ.

**10.00 Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni**

Dwar kwotazzjoni mitluba għal *Notice Boards* ġodda għall-Kunsill, il-Kunsill inkariga lill-Kunsillier Frank Gauci sabiex jispezzjona n-*notice boards* preżenti kollha u jsiru xi tiswijiet li jkun hemm bżonn.

**11.00 Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majistral: Measure 125**

Il-Kunsilliera għandhom jibgħatu l-proposti tagħom dwar l-applikazzjoni taħt Measure 125.

**12.00 Uffiċini Ġodda tal-Kunsill Lokali**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill bl-iżviluppi li saru u x-xogħolijiet li qed isiru fl-uffiċini l-ġodda. Huwa nforma wkoll illi saret laqgħa bejn is-Sindku, is-Segretarju u l-Perit Vella li huwa s-sid tal-uffiċini preżenti fejn sar qbil dwar l-estensjoni tal-kera preżenti tal-uffiċini tal-Kunsill sakemm jitlesta l-post il-ġdid. Il-Kunsill approva li ssir din l-estenzjoni.

Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li għalkemm hija, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, kienu ġew awtorizzati li jmexxu w jieħdu d-deċiżjonijiet neċessarji dwar ix-xogħlijiet fl-uffiċini l-ġodda, hi talbet il-parir tal-Kunsll rigward l-għoti tat-*Tender* għall-installazzjoni ta' *Passenger Lift* għall-Anzjani u Persuni b'Diżabbilita'. Għalkemm il-kumpanija Groffe Ltd. ma kellhomx l-irħas offerta, huma kellhom il-bażi tal-*lift* li kienet l-inqas waħda '1 fuq mill-art u għalhekk ma kelliex bżonn ta' rampa fit-tul bħal li kieku dan il-*lift* jingħata lill-irħas applikant.

Il-Kunsillier Raymond Tabone oġġezzjona għal dan u għalhekk ittieħdet votazzjoni fejn il-proposta għaddiet b'ħames voti favur bil-Kunsillier Raymond Tabone jivvota kontra li jsir dan il-*lift*. Meta l-Kunsillier Tabone ġie mistoqsi mill-Kunsilliera l-oħra r-raġuni għaliex kien ivvota kontra, is-Sur Tabone qal li ma għandux għalfejn jagħti raġuni, u li ma kellux proposti oħra.

**13.00 Mappa tal-Lokalita'**

Ġiet imqassma kopja tal-mappa artistika li saret mill-Kunsill bl-għajnuna finanzjarja tal-MTA U tal-HSBC lill-Kunsilliera kollha. Il-Kunsilliera kollha esprimew is-sodisfazzjon tagħhom għall-kwalita' ta' din il-mappa. Is-Sindku nfurmat li kienu ser isiru kwantita ta' kopji oħra tal-istess mappa fuq tip ta' kartonċina li tkun tista' tingħata bħala tifkira lill-mistednin meta jsir il-*launching* ta' din il-mappa u wkoll tingħata f'okkażjonijiet oħra bħala rigal. Ġie deċiż li r-residenti ta' San Pawl il-Baħar jiġu nfurmati fuq ir-rivista Malja sabiex jiġbru kopja tal-Mappa tal-Lokalita' b'xejn mill-Uffiċini tal-Kunsill fuq preżentazzjoni tal-karta' tal-identita'. Is-Sur Frans Xerri għandu jintalab jipprepara artiklu fuq din il-mappa fuq l-istess rivista. Il-lukandi u stabbilimenti kummerċjali għandhom jingħataw kopja tal-mappa b'xejn filwaqt li jiġu nfurmati li l-Kunsill lest jissupplixxi din il-mappa bil-prezz ta' 30c l-ewwel mitt kopja u 20c għal kull kopja '1 fuq minn mija.

**14.00 Proġett – Thalassalejn Boċċi Klabb**

Is-Sindku nfurmat li hemm ippjanata laqgħa għal nhar l-Erbgħa 19 ta' Ottubru 2011.

**15.00 Festa tal-Ħut (17 ta' Settembru 2011)**

Il-Kunsill innota li din l-attivita' kienet saret b'suċċess u b'attendenza tajba ħafna mill-pubbliku u n-negozji tal-akkwata. Is-Sindku l-Perit Graziella Galea nfurmat li kien hemm il-ħsieb li din l-attivita' tibqa ssir kull sena bħala parti mill-kalendarju ta' attivitajiet tal-Kunsill ta' San Pawl il-Baħar. Għal dan il-għan kienet ser issir laqgħa oħra fis-26 ta' Ottubru 2011 bejn dawk kollha nvoluti sabiex jiġu diskussi xi nuqqasijiet li seta' kien hemm f'din l-ewwel edizzjoni tal-attivita u x'arranġamenti oħra jistgħu jsiru biex din l-attivita' tibqa' waħda ta' suċċess.

**16.00 Construction/Resurfacing Works of Roads (PPP) Scheme**

Is-Sindku l-Perit Graziella Galea spjegat li minn Batch 1, issa tlestew 4 toroq, Triq l-Alka, Triq il-Lampuki, Triq Patri Feliċ Sammut, u Triq ir-Ramel. Hemm xogħlijiet għaddejjin fuq Triq iċ-Ċagħaq. Is-Sindku l-Perit Graziella Galea qalet li dwar Batch 2, saru l-applikazzjonijiet għall-permessi tal-Water Services Corporation u li dawn dalwaqt jibda x-xogħol fuqhom ukoll.

**17.00 Increment tal-iskrivan William Vella mid-29 t'Ottubru 2011.**

Dan l-item kien diġa diskuss f'laqgħa 43.

**18.00 Aġġornament Dwar Kumitat Amministrattiv Burmarrad**

Iċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv Burmarrad, is-Sur Raymond Bartolo, informa lill-Kunsill li l-Kumitat Amministrattiv Burmarrad kien għamel talba għal spiżerija f'Burmarrad. Il-Kunsill qabel li din it-talba għanda tintbagħat lid-Dipartiment, u jintalab ukoll li din tiġi trattata separatament mill-applikazzjonijiet l-oħra li hemm fil-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar, dan sabiex jinħareġ il-permess għal spiżerija f'Burmarrad u mhux l-applikazzjoni titħalla tistenna wara dawk oħra mitluba' għal-lokalita' kollha ta' San Pawl il-Baħar.

**19.00 Aġġornamenti**

*19.01 Il-Kunsillier Raymond Tabone*

19.01.01 Il-Kunsillier Raymond Tabone talab aktar dettalji fuq il-bozza li għadha ma ġietx imwaħħla fi Triq Ġdida fi Triq Port Ruman. Huwa staqsa wkoll ghaliex din it-triq baqgħet ma saritx. Is-Sindku l-Perit Graziella Galea wieġbet li diġa ntbagħtet talba għal din it-triq lil Transport Malta.

*19.02 Il-Kunsillier Frank Gauci*

19.02.01 Il-Kunsillier Frank Gauci ppropona li s-Sirens Aquatic Sports Club għandhom jintalbu jżommu s-Swimming Pool nadifa fix-Xitwa wkoll.

19.02.02 Il-Kunsillier Frank Gauci ppropona li *ż-zebra crossing* ta' ħdejn l-ispiżerija ta' San Pawl il-Baħar titneħħa minn hemm peress li kif inhi din hi perikoluża. Ġie deċiż li minflok jitwaħħlu tabelli u tintalab ukoll kwotazzjoni għal tabelli li jixegħlu bis-*solar energy*.

*19.03 Il-Kunsillier Ray Bartolo*

19.03.01 Il-Kunsillier Ray Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-*Bus Stop* tal-Arriva fit-Triq ta' Għajn Tuffieħa, hi msemmija 'Wardija' u li għandha bħala lokalita 'il-Wardija', tinsab fil-konfini tal-Mellieħa.

*19.04 Il-Kunsillier Mario Camilleri*

19.04.01 Il-Kunsillier Mario Camilleri talab li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ikun hemm item fuq l-Agenda *Local Enforcement/Wardens*. Huwa talab ukoll li l-pulizija jiġu mistoqsija jekk sarx rapport mill-*Wardens* dwar l-inċident li huwa kellu mal-istess *Wardens*.

*19.05 Is-Sindku Graziella Galea*

19.05.01 Is-Sindku Graziella Galea talbet li tingħata l-*allowance* tas-safar lilha u lis-Segretarju Eżekuttiv fuq safra relatata u ta' użu għax-xogħoll tal-Kunsill f'Ottubru 2011. Il-Kunsill approva.

**20.00 Tmiem tal-Laqgħa.**

Il-Laqgħa ntemmet fid-9.00p.m.

Sindku: Perit Graziella Galea

Segretarju Eżekuttiv: John J. Camilleri